FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

11 TA' LULJU 2017

Il-Pulizija
(Spettur Yvonne Farrugia)

vs

Edward Agius

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 43783m akkuzat talli:

1. f' Mejju 2009 u li fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, f'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskruttura jew fil-firem, billi holoq disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. talli fl-istess data. lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

3. talli fl-istess data. lok u cirkostanzi xjentement ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

4. talli fl-istess data. lok u cirkostanzi xjentement ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

5. talli fl-istess data. lok u cirkostanzi xjentement saq xi vetturi minghajr licenzja tal-Awtorita' Dwar it-Transport Pubbliku ta' Malta kif ukoll bla ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ghal terzi persuni;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-zakkuzat ghal hlas tal-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tistema' sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat b'falsifikazzjoni li skond l-Ufficjal Prosekutur inizjali, Spettur Ivan Cilia, kienet tikkonsisti filli l-Awtorita' tat-Trasport, illum Transport Malta, ma kellix dokumentazjoni fir-rigward l-varji kategoriji ta' licenzi tas-sewqan li kellu l-imputat, ossija li din id-dokumentazzjoni ma kinitx tezisti u minbarra dan li dik il-licenza taht kategorija 'A' l-imputat qatt ma setgha kien intitolat ghaliha stante li ma kienx ghalaq l-21 sena. Dwar din l-asserzjoni ta' l-ahhar mic-certifikat tat-twelid tal-imputat jirrisulta li huwa ghalq l-21 sena fis-sena 2003 snin qabel ma nharget fl-10 ta' Settembru 2008. Jirrisulta wkoll mix-xhieda tal-istess xhud li l-kategoriji tal-licenzi tas-sewqan fil-pussess tal-imputat huma:

- dik fil-kategorija 'B' mahruga fil-5 ta' Frar 2001;
- dik fil-kategorija 'C' mahruga fid-29 ta' Dicembru 2002;
- dik fil-kategoria C+E mahruga fis-6 ta' April 2003;
- dik gja accennata fil-kategorija A mahruga fl-10 ta' Settembru 2003.

Ezaminati seriatim il-hames akkuzi konsistenti fl-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat:

- fir-rigward l-ewwel tlett akkuzi (proprjament tnejn) li jittrattaw il-falsifikazzjoni, mhux minn ufficjal jew impiegat pubbliku, ta' att awtentiku u pubbliku u l-uzu xjenti tieghu, imkien mill-provi, ammissibbli bil-ligi, ma jinsabu pruvati, jigifieri, li l-imputat ghamel jew iddikjara l-falz biex ottjena l-licenzi tas-sewqan li ghandu, dan

- la mal-Awtorita', prekursura ta' Transport Malta, u lanqas ma xi awtorita', enti jew persuna ohra. Provi mibnija fuq allegazzjonijiet u/jew supposizzjonijiet mhumiex prova ta' xejn.
- idem fir-rigward ir-raba u l-hames akkuzi.

Tiddisponi u tiddecidi il-kawza billi issib l-imputat mhux hati u tilliberah.

A.M.Trigona
Magistrat